**FIL-QORTI CIVILI (SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Mejju 2025**

**<u>Rikors nru:- 215/2025 AGV fl-ismijiet:-</u>**

**TABZ**

**vs**

**MZ**

**Il-Qorti;**

**Rat ir- Rikors maħluf ta' TABZ ;**

Tesponi bir-rispett u bil-ġurament tagħha TABZ tikkonferma:

1. Illi, l-partijiet iżżewġu nhar l-għaxra (10) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija tmienja u sebgħin (1978), fil-knisja Madonna ta` Loreto Gwardamanġa (Malta), hekk kif jidher miċ-ċertifikat taż-żwieġ bin-numru wara l-ieħor tar-reġistru 1803/1978, liema ċertifikat qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala '***Dokument A'***;

2. Illi, minn dan iż-żwieġ twieldu tliet wlied, DZ , PZ u SZ li llum huma kollha maggiorenni u del resto huma totalment indipendenti.

3. Illi, l-partijiet ilhom *de jure* separati mil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija tmienja u disgħin (1998), hekk kif jidher mill-kuntratt ta'separazzjoni personali ppublikat fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo, liema kuntratt ta' separazzjoni personali qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala **'*Dokument B'***;

4. Illi, ma hemm ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;

5. Illi, l-partijiet irrinunzjaw b'mod reċiproku, assolut u irrevokabbli għal-kwalunkwe manteniment fil-konfront ta' xulxin;

6. Illi, m' hemm ebda pendenzi fir-rigward tal-manteniment dovut lil wlied;

7. Illi, dawn il-fatti hekk kif dedotti jissodisfaw l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal ksib ta' divorzju, in linja mal-Artikolu 66A et seq. tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16, tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Illi, TABZ taf b'dawn il-fatti personalment, liema fatti ġew konfermati bil-ġurament fl-affidavit tar-rikorrenti, liema affidavit qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala '***Dokument Ċ***;

9. Illi, r-rikorrenti TABZ ser iżżomm il-kunjom li kien assenjat lilha wara z-żwieġ, u cioe dak ta` 'B Z ' .

Għaldaqstant r-rikorrenti titlob bir-rispett u reverentament lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi jogħġobha:

i. **Tippronunzja,** d-divorzju, ossija l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

ii. **Tordna,** lir-Reġistru tal-Qorti sabiex fi żmien imħolli minn din il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'dan il-ħall taż-żwieġ.

Bl-ispejjeż għandhom ikunu ai karigu ta` MZ .

**Il-Qorti rat li l-konvenut mhux jopponi ghat-talba.**

Illi ghalhekk setghet tghaddi ghas-sentenza.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar il- 10 ta' Settembru 1978**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**